MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Avviz Numru. 11/2003

Eugenio u Mary konjugi Portelli
u Jason Portelli

Vs

Joseph Agius

Illum 12 ta’ April, 2007.

Il-Qorti

Rat l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ elf hames mija u wiehed u sebghin lira Maltija (Lm1,571) jew somma ohra li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni minhabba l-hsarat kagunati fil-vettura tal-atturi tat-tip Hyundai numru JBB 363, peress illi fit-12 ta’ Jannar 2003 fi Triq Sant’Ursula, Rabat, Ghawdex kantuniera ma’ Triq Ghedrin, Rabat, Ghawdex waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Pajero numru GAC

634 b’traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku hareg minn fuq stop sign minghajr ma esplora sew it-triq principali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fl-10 ta’ Frar 2003 u ittra bonarja tal-31 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut li permezz taghha ecepixxa li huwa ma ghandu l-ebda responsabbilta’ ghall-incident u li dan gara minhabba n-negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-attur Jason Portelli.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Marzu 2007 li fiha l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti rilevanti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) Fit-12 ta’ Jannar 2003 ghal habta tal-11.15 p.m. sehh incident tat-traffiku fi Triq Sant’Ursola, Rabat, Ghawdex.
(b) L-attur Jason Portelli kien qieghed isuq il-vettura Hyundai bin-numru JBB 363 u kien ghaddej mit-triq principali sejjer fid-direzzjoni tal-Gharb. Min-naha tieghu l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru GAC534. Il-konvenut hareg minn Triq Ghedrin, li hija triq sekondarja ghal Triq Sant Ursola.

2. Il-Qorti, wara s-seduta tal-14 ta’ Marzu 2007, marret personalment fuq il-post in kwistjoni biex taghmel kostatazzjonjiet tal-fatti fosthom tqies il-konfigurazzjoni taz-zewg toroq. M’hemmx dubju li Triq Ghedrin hija t-triq

sekondarja, tant li fit-tarf ta' din it-triq fejn tizbokka ghal fuq Triq Sant'Ursola hemm sinjal **STOP**.

3. Il-vertenza kollha ta' bejn il-partijiet hija dwar min minnhom kien responsabbli ghall-incident. L-attur isostni li l-incident sehh tort tal-konvenut li hareg fit-triq principali minghajr ma ta kaz tat-traffiku gej minn fuq il-lemin tieghu. Min-naha tieghu l-konvenut jattribwixxi l-htija lill-attur ghaliex skond hu dan kien qieghed isuq bi speed *eccessiv* u ghamel manuvra wkoll ta' sorpass f'post fejn dan ma kellux isir.

4. Il-principji legali f'incident bhal dak prezenti huma s-segwenti:-

(a) Sewwieq ta' vettura ghandu fost'ohrajn zewg dmirijiet:- dak li jzomm *a proper look out* ghall-vetturi, *pedestrians* u *road users* ohra; u l-iehor dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f' kull hin kontroll shih u sewwa tal-vettura li jkun qieghed isuq.

(b) Min ikun hiereg minn triq sekondarja ghandu obbligu li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali u qabel ma johrog ghandu jieqaf u jesplora sew it-triq sabiex jizgura li jista' johrog minghajr hsara lill-haddiehor. Irid jiftakar li l-manuvra tieghu ma tkunx tali li tiddisturba l-kors tat-traffiku[1].

(c) Il-grad ta' diligenza ta' l-utent ta' triq principali huwa inqas, pero f'kull hin dan ghandu jzomm kontroll fuq il-vettura li jkun qieghed isuq; *"Issa m' hemmx dubju illi l-ispeed esagerat hu fattur li ta' sikwit jiggenera incidenti stradali, ghax min isuq bi speed moderat ma jikkagunax hsarat anke jekk tintervjeni nnegligenza ta' haddiehor. Hic et nunc mill-brake marks identifikati fuq l-iskizz mhux*

---

[1] *"L-esplorazzjoni da parte tas-side road user ghat-traffiku transitanti fuq triq principali (multo magis fejn f' dan il-kaz kellu 'Stop Sign') ma hijiex limitata ghal waqfien f' tarf l-inkrocju, imma inoltre dan ghandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-velocita` tal-vetturi li jkunu qed joqorbu lejn l-inkorcju fit-triq principali"* **Alexander Bartolo -vs- Kalcedon Micallef**", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Frar 1972. *"L-obbligu tieghu kien illi jieqaf zoptu wara l-linja indikata ma' l-art bhala l-limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruhu li t-triq principali kienet ghal kollox 'clear'."* **Aldo Cutajar -vs- Charles Magro**", Appell, sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000.

*eskluz li l-appellanti kien qed isuq bi speed eccessiv. Huwa ma setax isuq kif ifettillu in kwantu kien jinkombi fuqu li jsegwi r-regoli ta' sewqan prudenti dettati mic-cirkostanzi. Issa l-appellanti jappilja mar-raguni illi gjaladarba hu kien fit-triq principali lvelocita` li kien ghaddej biha kienet hekk lilu konsentita. Ghal din il-Qorti din ir-raguni, jew ahjar skuzanti, ma tissuffragahx anke ghaliex kif jinsab deciz, "id-dritt ta' precedenza li ghandu l-main road user di fronte ghas-side road user ma hux illimitat. Id-driver li ghandu r-right of way ma jistax jaghmel li jrid u jezimi ruhu minn kull regola ta' prudenza ordinarja; b' mod li meta jkun qed isuq lejn side road anke hu ghandu jersaq bi prekawzjoni" (**Kollez. Vol. XLIV P IV p 928**). Hekk allura speed eccessiv jista', f' cirkostanzi konkomitanti, jitqies sewqan imprudenti in kwantu ma jhallix lok ghal dik il-margini ta' sikurezza tant necessarja ghal kull emergenza li tista' tinqala'. Konsegwentement l-appellanti ma jistax jiskansa ruhu ghal kollox mir-responsabilita`"* (Qorti ta' l-Appell [Sede Inferjuri] fl-ismijiet **Middle Sea Insurance plc et vs Aaron Mizzi** deciza fit-8 ta' Gunju 2005)[2].

5. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll li min-naha tieghu l-konvenut ma kienx qieghed izomm *proper look* out meta hareg minn Triq Ghedrin. Min ikun hiereg minn dik it-triq irid ikun hafna iktar attent mis-soltu ghaliex fi Triq Sant'Ursola jkun hemm il-vetturi pparkjati (fuq in-naha minn fejn kien gej l-attur li kien qieghed isuq fid-direzzjoni tal-Gharb) u dan il-fattur itellef mill-vizwali ta' min bhal konvenut ikun hiereg minn din it-triq sekondarja. Jidher bic-car li l-incident sehh ghan-nofs tat-triq. Dan jikkonferma li fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien ghadu qieghed jimmanuvra l-hrug tieghu minn Triq Ghedrin u ghadu ma sabx postu fil-karreggjata rizervata ghall-vetturi li jkunu sejrin fid-direzzjoni tar-

---

[2] *"Tibqa' pero` dejjem valida wkoll l-osservazzjoni illi, "il-main road user m'ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user" – "**Lawrence Montebello - vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966"* deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet:- **Anthony Cassar et vs Joel Hili** deciza fis-26 ta' April 2006 u li wkoll kienet titratta incident tat-traffiku li sehh fi Triq Sant'Ursola, Rabat, Ghawdex wara hrug ta' vettura minn triq laterali.

Rabat, Ghawdex. Verzjoni moghtija wkoll mill-konvenut lill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz[3]. Konferma ta' dan kollu hija wkoll ix-xhieda moghtija minn Mark Agius fis-seduta tas-6 ta' Frar 2007[4] li fil-hin ta' l-incident inzerta ghaddej minn Triq Sant'Ursola. Il-fatt li fir-ritratt a fol. 30 il-vettura tieghu tidher ipparkjata, ma jfissirx b'daqshekk li dak li rrakonta x-xhud m'huwiex il-verita'. Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lil dan ix-xhud *viva voce* (seduta tas-6 ta' Frar 2007) u hija tal-fehma li l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u l-verzjoni moghtija minnu hija verosimili. Ghalhekk ma tistax taqbel mat-tezi tal-konvenut li x-xhieda ta' dan ix-xhud okulari[5] ghandha tigi skartata ghal kollox.

6. Fir-rigward tas-sewqan tal-attur Jason Portelli, il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-brejk marks li halliet warajha l-vettura Hyundai numru JBB 363 huma prova ta' sewqan eccessiv. Il-lokalita' fejn sehh l-incident m'hijiex xi triq wiesgha u qeghda fl-abitat fejn wiehed m'ghandux isuq b'dak l-ispeed (ikun fix-hin ikun matul il-gurnata). L-iskizz li ghamel l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz[6] juri sinjal tal-brejk fuq naha wahda ta' sbatax-il metru. L-impatt tant kien wiehed qawwi li l-vettura Mitsubishi Pajero spiccat kif tidher fuq l-iskizz, parti minnha fuq il-bankina[7]. Il-hsarat li garrbet il-vettura Hyundai (ara ritratti fol. 30) huma konferma ohra li l-impatt kien wiehed vjolenti. Dan apparti l-fatt li s-sewwieq tal-vettura Hyundai kien ukoll qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass f'parti tat-triq fejn fil-fehma tal-Qorti ma kienx opportun li ssir manuvra ta' dak it-tip[8]. Dan kien qieghed javvicina inkrocju u ghalhekk messu saq b'iktar attenzjoni, izda minflok jidher li ma naqqasx il-velocita'. Is-sewqan tal-attur Jason Portelli kien tali li meta nqalghet l-emergenza huwa ma kienx f'posizzjoni li jirrejagixxi u jevita l-incident minhabba

---

[3] *".....fil-fatt bdejt hiereg. F'daqqa wahda* ***waqt li kont f'nofs it-triq*** *JBB363 qala' lil EAW849……."* (fol. 40).

[4] Fol. 80-81.

[5] Ix-xhud ikkonferma:- *"jien kif rajt il-Pajero hierga nhsadd; kont attent fil-manuvra li kelli naghmel biex nevita l-Pajero…………. Jiena nghid li l-Pajero ma rajthiex tieqaf fuq l-istop sign. Kif ghidt, jiena nhsadd ghaliex il-Pajero ghalqitli t-triq"* (fol. 81).

[6] Fol. 58.

[7] Ara wkoll ritratti JA3 u JA4 a fol. 30 tal-process.

[8] Ara xhieda moghtija inn Mark Agius fis-seduta tas-6 ta' Frar 2007 (fol. 80-81).

r-ragunijiet li ghadhom kif issemmew. Ghalhekk ghandu jgorr parti mill-htija ghall-akkadut in kwantu hemm kontributorjeta' min-naha tieghu[9], li l-Qorti ser tiffissa fi kwart (1/4). Is-sewqan zejjed certament li kkontribwixxa biex isehh dan l-incident.

7. Dwar id-danni, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2007 il-partijiet ivverbalizzaw li hemm qbil bejniethom li m'hemmx kontestazzjoni dwar l-ammonti. Ghalhekk il-Qorti ser taghmel il-kalkoli taghha fuq is-somma ta' elf hames mija u wiehed u sebghin lira Maltija (Lm1,571) li l-atturi ddikjaraw li huma d-danni sofferti fl-incident *de quo*.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi din il-kawza billi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli kwantu ghall-tlett kwarti (3/4) ghall-incident in kwistjoni, filwaqt li l-attur Jason Portelli huwa responsabbli fi kwart (1/4).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf mija u tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,178.25) in lineja ta' danni.

Spejjez kollha jinqasmu bejn il-partijiet skond l-istess proporzjon ta' htija u bl-imghax jiddekorri mil-lum.

Magistrat Dr. Anthony Ellul.

**< Sentenza Finali >**

[9] *"jekk sewwieq jikkaguna danni minhabba emergenza subitanea ta' karozza ohra li hareg minn triq laterali ghal triq principali u kkrejat sitwazzjoni ta' perikolu ghalih li kien fil-major road u ghalhekk godenti right of way, dak id-driver ma huwiex b' daqshekk mehlus minn kull responsabilita` ghad-danni minnu kagonati jew kien qieghed isuq bi speed mhux moderat u minhabba f' hekk ma setax jevita l-hsara. Huwa hati ta' kolpa kontributorja"* (**Kollez. Vol. XLVI P I p 762**).

---------------------------------TMIEM---------------------------------